# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru   13**

**Avviz  numru   1825/97/SM**

**Madis Hotels Limited**

**vs**

**Tigne` Development Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 t'Awissu ta' l-1997 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1.  Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM395.50,0), rapprezentanti bilanc ta' prezz ghall-akkomodazzjoni u servizzi ohra relatati, u dan skond istruzzjonijiet ta' l-istess socjeta' konvenuta;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 5 ta' Marzu ta' l-1997 u ta' l-ittra ufficjali datata Marzu ta' l-1997, oltre ghall-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-12 ta' Novembru ta' l-1997 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccipiet is-segwenti:**

**1. Illi l-akkomodazzjoni u servizzi ohra ntalbu ghan-nom ta' u f'isem terza persuna, l-Virtual Locality Filming Crew, ghalhekk is-socjeta' konvenuta mhix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;**

**2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dan, il-Virtual Locality Filming Crew hallsu ghall-akkomodazzjoni u servizzi li hadu, izda l-kumplament tas-servizzi preordnati gew debitament kancellati u l-ammont kollu mitlub mhuwiex dovut;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;**

**Rat id-dokumenti prodotti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' konvenuta talbet lis-socjeta' attrici takkomoda numru ta' klijenti fil-"hotel" gestita minnha stante li ma setghetx tospithom;**

**2. Illi l-ammont pagabbli relattiv gie regolarment addebitat u pprezentat lis-socjeta' konvenuta;**

**3. Illi nonostante dan is-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta thallas l-ammont meritu ta' din il-procedura stante li l-klijenti taghhom allegaw li ma uzufruwewx ruhhom mill-granet kollha lilhom allokati;**

**kkonsidrat:**

**Illi in effetti l-"booking" maghmul mis-socjeta' konvenuta kien regolarment ikkonfermat u rizervat mis-socjeta' attrici;**

**Illi ghalhekk l-ammont pattwit bejn is-socjetajiet kontendenti hu dovut u l-fatt li l-persuni involuti ghazlu li jgibu ruhhom b'mod differenti hu ghalkollox estraneu ghall-kuntratt bejn dawn is-socjetajiet;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici tlett mija u hamsa u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM395.50,0), bilanc minn somma akbar, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-5 ta' Marzu ta' l-1997 id-data ta' l-ittra ufficjali.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**